MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 817/2001/1

**Charles Borg Barthet**

**Vs**

**Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta illi huwa gie notifikat b'ittra ufficjali tat-23 ta' Awissu 2001 (Dok A) li permezz tieghu l-intimat qieghed jezigi l-hlas ta' Lm100 kwantu ghal Lm50 bhala licenzja ta' VHF Radio mt-30 ta' Settembru 1999 sat-30 ta' Settembru 2001 u kwantu ghal Lm50 bhala penali.

Illi l-esponenti m'ghandux radju VHF u inoltre ma talabx u ma zammx licenzja ta' VHF fil-perjodu de quo u ghalhekk l-ebda hlas m'hu dovut.

Ili it-talba imsemmija qed issir a bazi tal-Art 466 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk l-esponenti kellu jintavola l-presenti rikors.

Ir-rikorrenti talab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikajra illi t-talba imsemmija tad-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-istess Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness mal-istess rikors a fol 2 tal-atti kif ukoll id-digriet Taghha preliminari moghti fil-5 ta’Settembru 2001 (fol 4 ibid) u dak moghti fil-25 ta’ Settembru 2001 (fol 5 ibid).

Rat ir-risposta (avolja tardiva) tal-intimat (fol 9 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

Illi r-rikorrenti ghandu f’ismu licenzja biex izomm ghandu u juza VHF Transceiver liema licenzja inharget fl-1997, u sal-lum ghandha vigenti,u dan minghajr ma qed isir il-hlas ghaliha skond il-ligi.

Illi ghalhekk it-talba tal-esponent kif dedotta fl-ittra ufficjali tat-23 t’Awissu 2001 hija gusta.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti u tikkonferma t-titolu ezekuttiv tieghu kif dedott fl-ittra ufficjali tat-23 ta’Awissu 2001.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li gie ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ukoll id-digriet Taghha moghti fil-22 ta’ Lulju 2005 (fol 29 u fol 30 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi r-rikorrenti (fol 44 ibid) permezz ta' affidavit jsostni illi fil-perjodu in kwistjoni li jmur mit-30 ta' Settembru 1999 sat-30 ta' Settembru 2001, hu …. ma kellhiex licenzja ghar-radju marittimu' u dwar dan kien informa lill-intimat, aktarx f'Ottubru 1992, illi l-imsemmi apparat kien '.. nieqes u li jew insteraq jew intilef'. In sostenn ta' dan, kien ukoll issottometta 'affidavit' lill-intimat.

Ikkunsidrat

Illi Doreen Davis, prodotta mill-intimat, xehdet (fol 58 ibid) spjegat li l-ammont, konsistenti f'licenzja u penali, kien dovut mir-rikorrenti in konnessjoni ma' radju 'VHF' stallat fuq id-dghajsa numru S 6790. Din il-licenzja kienet inharget fl-1987 u '… ghas-snin in kwistjoni il-licenzja kienet ghadha vigenti'. Fit-28 ta' Awissu 2000, zewg ufficjali tal-istess Dipartiment kienu marru ghand ir-rikorrenti u dawn issottomettew rapport intern esebit a fol 63 tal-istess atti, minn fejn jidher illi l-istess rikorrenti kien irrifjuta li jhallas l-istess ammont. Inoltre ix-xhud sahaq illi, l-intimat ma kien irceva l-ebda korrispondenza minghand ir-rikorrenti b'referenza specjali ghal 'affidavit' imsemmi mir-rikorrenti. Inoltre dan ma kienx kiteb '… sabiex inhassru l-licenzja'.

Ikkunsidrat

Illi, certament u a bazi tal-provi insufficjenti prodotti mir-rikorrenti it-talba kif dedotta mir-rikors in esami ma hiex, b'xi mod sostenibbli waqt li dawk prodotti mill-intimat huma bizzejjed sabiex l-istess talba tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta mir-rikors in esami.

In rigward l-ispejjes ta' din il-procedura dawn ghandhom jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------